# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2501

**Kaz Nru. 2823/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Darren Fenech**

**u**

**Lidel Malta Limited (C 36317).**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta).**

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Darren Fenech, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-2 ta' Awissu, 2010. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-Rikorrent kien assistit mill-Avukat William Cuschieri u ghas-Socjeta ntimata deher is-Sur Kevin Grima, li kien assistit mill-Avv. Albert Libreri.**

**Fl'-istqarrija tal-kaz ir-rikorrent jghid, li kien ilu mpjegat mal-Kumpanija sa minn nhar it-23 ta' Ottubru, 2008 u dan fuq kuntratt ta' mpjieg indefenit u meta spicca mill-impjieg kien jokkupa l-kariga ta' "store manager".**

**Ir-rikorrent jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu li nhar il-25 ta' Gunju, 2010 gie msejjah minghajr pre-avviz sabiex jattendi laqgha qasira fil-prezenza ta' superjuri tieghu li kienu Chrisph Doll, Gerald Darmanin u Kevin Grima u waqt din il-laqgha mhux biss saru diversi akkuzi fil-konfront tieghu, izda wkoll inghata zmien sa nhar l-1 ta' Lulju, 2010 sabiex jammetti tali akkuzi bil-miktub u noltre gie avzat illi huwa kien qieghed jigi sospiz indefinittivament mix-xoghol b'effet immedjat.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, illi wara kiteb lill-Kumpanija permezz tal-konsulent legali tieghu, fejn permezz ta' ittra datata 28 ta' Gunju, 2010 huwa pprotesta dwar il-mod abbuziv u llegali kif gie sospiz minn xogholhu u kien biss wara li l-kumpanija rceviet din l-ittra hija harget "charges" kontra tieghu permezz ta' ittra datata 5 ta' Lulju, 2010.**

**Ir-rkorrent jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li nhar il-15 ta' Lulju, 2010 inzammet laqgha gewwa l-ufficini tal-Kumpanija fejn attendew ukoll il-konsulent legali tieghu u wara, b'ittra ta' nhar is-16 ta' Lulju, 2010 gie nfurmat illi l-impjieg tieghu kien qed jigi terminat b'effett immedjat u minghajr ma nghata ebda raguni ghal dan. Huwa jghalaq l-istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jghid, li t-tkeccija tieghu ma kienitx ghal raguni tajba u sufficjenti ai termini ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industriali (Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan kif se jirrizulta matul it-trattazzjoni ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, illi fost ir-responsabilitajiet li kellu r-rikorrent matul l-impjieg tieghu mal-kumpanija kien hemm dik li, jipprepara r-roster ta' l-impjegati li jahdmu fl-istabilment tal-kumpanija f'Hal-Safi. Hija tghid ukoll, li recentement ndunat li kien hemm xi haga mhux regolari fix-xifts ta' l-impjegati fl-istabilment taghha ta' Hal Safi fis-sens, li ma kienux qed jinghataw il-mistrieh rikjest mill-ligi bejn xift u iehor u dana minkejja li d-dokumenti kienu jindikaw il-kuntrarju.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li r-roster kienet responsabilita tar-rikorrenti u rrizulta li kien hemm diskrepanzi bejn dak li kienu jindikaw u juru ghal dak li effettivament kienet ir-realta'. Hija tghid ukoll, illi wara li hareg dan il-fatt baghtet ghall-impjegati nvoluti u principalment ghal Keith**

**Callus, Melvyn Bundy u Dorianne Borg sabiex tara x'kien qed jigri u dawn ikkonfermaw li ghalkemm fir-roster u attendance sheet kien qed jigi ndikat li huma kienu qed jinghataw il-mistrieh ta' hdax il-siegha bejn xhift u iehor, fir-realta dan ma kienx hekk u li l-"Store manager" taghhom jigifieri ir-rikorrent, kien eskogita sistema permezz ta' liema kien qed jahbi dan lill-kumpanija ntimata.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li kien ghalhekk li nhar il-25 ta' Gunju, 2010 il-kumpanija ntimata baghtet ghar-rikorrent fl-ufficcji centrali taghha u f'meeting qasir gie nfurmat b'dak li kienet skopriet il-kumpanija u nghata zmien sa l-1 ta' Lulju, 2010 sabiex jaghti bil-miktub il-verzjoni tieghu u dana sabiex il-kumpanija tkun tista tevalwa l-verzjonijiet ta' dawk involuti qabel ma tiehu xi passi, sadanittant ir-rikorrent gie sospiz b'paga shiha.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li assolutament mhux minnu li r-rikorrent intalab jammetti xi akkuza, izda hu ntalab biss jaghti l-verzjoni tieghu bil-miktub, kif del resto kienu ghamlu t-tlett impjegati l-ohra fuq imsemmija. Hija tghid ukoll, fil-fatt kif diga sottomess f'din il-laqgha ma sar xejn aktar hlief li r-rikorrent gie nfurmat b'dak li kien gie riferit mill-impjegati msemmija u ghalhekk gie mitlub sabiex fi zmien gimgha jaghti l-verzjoni tieghu bil-miktub.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li permezz ta' ittra datata 28 ta' Gunju, 2010 miktuba mill-konsulent legali tar-rikorrent, il-kumpanija ntalbet zzomm laqgha ohra mieghu u li din id-darba fil-prezenza wkoll ta' persuna ta' fiducja tieghu. Gie wkoll intimat li fin-nuqqas ta' risposta, ir-rikorrent kien ser jiehu passi fil-konfront tal-kumpanija quddiem it-Tribunal Industrijali ghal "constructive and/or unfair dismissal" u dana minkejja li sa dakinhar ir-rikorrent kien ghadu ma tkeccix mill-impjieg u fil-fatt kien ghadu qed jithallas regolarment.**

**Il-Kumpanija tghid ukoll li wara li ghadda l-1 ta' Lulju, 2010 u r-rikorrent baqa ma baghat l-ebda verzjoni u/jew spjegazzjoni tal-fatti, l-Kumpanija ma kelliex triq ohra hlief li permezz ta' ittra datata 5 ta' Lulju, 2010 tohrog charges kontra r-rikorrent u ffissat laqgha ghal nhar id-9 ta' Lulju, 2010 sabiex iwiegeb ghal dawn ic-charges. Il-Kumpanija nfurmatu wkoll, li ghal tali laqgha seta' jgieb mieghu persuna ta' fiducja tieghu. Hija tghid ukoll, li effettivament din il-laqgha giet posposta ghal nhar il-15 ta' Lulju, 2010 peress li r-rikorrent jew l-avukat tieghu ma setghux jattendu.**

**Is-socjeta tkompli tghid li l-laqgha saret fil-15 ta' Lulju, 2010 fejn ir-rikorrent kien assistit mill-avukat tieghu, u minflok pprovda spjegazzjoni lill-kumpanija kif mitlub, ressaq diversi akkuzi fil-konfront tal-kumpanija u ma pprovda l-ebda spjegazzjoni ghall-fatti li kienu qed**

**jigu allegati u dana minkejja li huwa gie kkonfrontat ma' l-impjegati l-ohra li kienu qed jallegaw tali nuqqasijiet. Il-Kumpanija tkompli tghid, li r-rikorrent baqa fl-ebda stadju ma kkonferma li l-hinjiet indikati fir-rosters kienu effettivament korretti.**

**Fl-istqarrija taghha il-Kumpanija tkompli tghid, li matul il-laqgha rrizulta li r-rikorrent kellu fil-pussess tieghu dokumenti ta' natura kunfindenzjali u li mhux suppost kellhom qatt jinhargu mill-ufficcji tal-kumpanija jew inkella jkunu fil-pussess tar-rikorrent jekk mhux fl-ufficcji tal-kumpanija ntimata matul il-hinijiet tax-xoghol. Is-socjeta tghid li jidher, li kopja ta' dawn id-dokumenti l-istess rikorrent ghadihom lill-avukat tieghu.**

**Is-socjeta ttemm l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li permezz ta' ittra datata 16 ta' Lulju, 2010 il-kumpanija nfurmat lir-rikorrent li l-impjieg tieghu kien gie tterminat u talbitu sabiex jirritorna l-oggetti propjeta tal-kumpanija fil-pussess tieghu, ovvjament inkluz id-dokumenti fuq imsemmija. Hija tghid ukoll, li r-rikorrent qatt ma rritorna dawn id-dokumenti.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kien ilu mpjegat mal-kumpanija sa mit-23 ta' Ottubru, 2008 u meta gie tterminat l-impjieg tieghu huwa kien jokkupa l-kariga ta' "Store manager" fejn kien inkarigat, li jmexxi l-istabiliment ta' Hal-Safi. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-impjieg tar-rikorrent gie tterminat fis-16 ta' Lulju, 2010.**

**Waqt is-smigh tal-provi jirrizulta, li kien hemm sitwazzjoni fl'istabilitment fejn kien hemm cavetta wahda tas-safe. Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta kien jinghalaq l-istabiliment ic-cavetta tas-safe kienet tigi mohbija fil-hanut ghal uzu ta' meta jerga jinfetah l-istabiliment fil-ghodu.**

**Waqt ix-xhieda r-rikorrent jghid, li din is-sitwazzjoni ma kienitx ta' sigurta ghall-istabiliment u li kien ilmenta mad-District manager. Ir-rikorrent jghid ukoll, li d-District manager qaltlu li kienet se tressaq il-problema lill-management u sadanittant minflok li c-cavetta tigi mohbija fil-hanut, min kien ikollu c-cavetta tas-safe u jaghlaq il-hanut li kien ikun ghal habta ta' 10.00 ta' bil-lejl, jerga jiftah l-istabiliment fis-6.00 ta' fil-ghodu. Quddiem it-Tribunal Industrijali l-management cahad li kien hemm din l-awtorizazzjoni.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li bejn il-Gimgha fil-ghaxija u s-Sibt fil-ghodu ma kienx ikun hemm hdax il-siegha mistrieh u ghalhekk fuq ir-roster kienu jigu ndikati hinijiet li juru li kien hemm hdax il-siegha bejn xift u iehor. Huwa jghid ukoll, illi fejn isem min ikun imissu jiftah il-hanut tigi immarkata "asterix" biex din tindika l-persuna li kellha tiftah qabel il-hin li kien hemm imnizzel fuq ir-roster.**

**Invista ta' l-imsemmi hawn fuq gie stabilit quddiem it-Tribunal Industrijali, li kienet qed tintuza sistema fejn fil-waqt li fuq ir-roster kien hemm indikat hin ta' x'hin kellu jidhol ghax-xoghol l-impjegat involut fil-fatt, kien qed jidhol f'hin qabel minn dak indikat fir-roster li kien qed jirrizulta, li dak l-impjegat ma kienx qed jiehu l-hin ta' hdax il-siegha mistrieh.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li din is-sistema ma kienitx qed tintuza biss bejn il-Gimgha u s-Sibt, imma kien hemm okkazzjonijiet ohra li ntuzat matul il-granet tal-gimgha tax-xoghol**

**Waqt it-trattazzjoni tal-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali ghar-rikorrent jinghad, li huwa gie mkecci minn mal-kunpanija ghax kiser il-ligi. Hawnhekk ghar-rikorrent saret riferenza ghar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Hin tax-Xoghol (Legislazzjoni Sussidjarja 452.87). Ir-regolament bin-numru erbgha (4) jghid illi : Kull haddiem ghandu**

**jkollu d-dritt ghal perjodu ta' mistrieh minimu kull jum ta' hdax-il siegha konsekuttiva kull perjodu ta' erbgha u ghoxrin siegha li tulhom il-haddiem jahdem ghall-principal tieghu. Pero regolament (16) ta' l-istess regolamenti jipprovdi dwar haddiema bix-xift u jghid "Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tar-regolament 14 (a) ir-regolament 4 ma ghandux japplika f'konnessjoni ma haddiem bix-xift meta jibdel ix-xift u ma jistax jiehu l-perjodu ta' mistrieh ta' kuljum bejn it-tmiem ta' xift u l-bidu ta' wara".**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali fil-waqt li ghan-naha tar-rikorrent gie emfasizzat li ma kiser l-ebda ligi, minn naha tal-Kumpanija qalet li ir-regolamenti taghha kienu li kull haddiem ghandu jinghata hdax il-siegha mistrieh bejn xift u iehor.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta l-management tal-kumpanija sar jaf bis-sitwazzjoni tal-hinijiet fl'istabiliment ta' Hal-Safi, bghat ghar-rikorrent u tah zmien biex jghati l-verzjoni tieghu bil-miktub sa l-1 ta' Lulju, sadanittant ir-rikorrent gie sospiz b'paga shiha mill-post tax-xoghol.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrent minflok li ghamel il-verzjoni tieghu bil-miktub intalbet laqgha mill-assistenza legali tieghu. Mill-provi jirrizulta wkoll, li peress li r-rikorrent ma kienx ta' l-verzjoni tieghu li l-Kumpanija gie mahrug lilhu charge b'akkuzi li kien qed jigi akkuzat bihom kif wkoll, giet iffissata laqgha fejn ir-rikorrent gie nfurmat li ghal din il-laqgha setgha jgieb mieghu assistenza ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li meta saret din il-laqgha r-rikorrent ipprova jiddefendi l-kaz tieghu permezz ta' l-assistenza legali tieghu, fejn pprezenta dokumentazzjoni tas-sales ta' l-istabiliment biex turi, li l-performance tieghu kienet wahda mill-aqwa.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management tal-Kumpanija irrejagixxa b'modd li akkuza lir-rikorrent li ma kellux dritt johrog dawn is-sales reports mill-istabiliment u lanqas ma kellu dritt jghaddiehom lill assistenza legali tieghu. Il-management jghid, li dawn kienu dokumenti kunfidenzjali tal-performance tas-Sales tal-Kumpanija u hadd ma kellu d-dritt li jghamel kopji taghhom u johroghom barra mill-istabiliment. Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara din il-laqgha l-management ddecieda li jittermina l-impjieg tar-rikorrent.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali r-rikorrent jghid li wara li gie mkecci mill-impjieg, kienet giet ipprovduta cavetta lill-istabiliment. Waqt il-provi jinghand wkoll ghar-rikorrent, li l-Kumpanija kienet qed tara kif tghamel biex tkeccieh mill-impjieg tieghu, liema akkuzi gew michuda mill-Kumpanija.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jiehu diversi kunsiderazzjonijiet dwar il-kaz inkwestjoni u l-ewwel kunsiderazzjoni li jiehu hija, dwar r-Regolament Dwar l-Organizazzjoni tal-Hin tax-Xoghol fejn jinghad, li bejn tmiem ta' xift u l-bidu ta' xift iehor mhux rikjest li jkun hemm hdax il-siegha mistrieh. Dwar dan l-aspett, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li ghalkemm il-ligi tippermetti pero ir-regolament tal-Kumpanija kien rikjest li ghandu jkun hemm hdax il-siegha mistrieh bejn xift u iehor.**

**Il-prova li ghandu quddiemu t-Tribunal Industrijali, li l-Kumpanija kienet tesigi li ghandu jkun hemm hdax il-siegha mistrieh bejn xift u iehor hija l-istess roster tal-hinijiet tax-xoghol, li fil-waqt li kien ikun hemm dikjarat li l-haddiem fdat bic-cavetta kien ikollu hin imnizzel modd ta' dak li kien ikun indikat b'asterix kien jibda f'hin qabel u ghaldaqstant ma kienx qed ikollu hdax il-siegha mistrieh. Ghaldaqstant, din hija prova li kienu qed jinkisru r-regolamenti tal-kumpanija, ghaliex li kieku**

**ma kienx hekk kien jitnizzel il-hin propju li kien jidhol ghax-xoghol l-impjegat involut.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ghalkemm ir-roster biex issir ir-rikorrent gieli ddelegaha lill haddiehor pero ir-responsabilta xorta tibqa fuqu ghaliex hu kien l-"Store manager" u kien jaf b'dak kollu li kien qed isir.**

**It-Tribunal Industrijali jiehu nkonsiderazzjoni dak li qal ir-rikorrent, li hu kellu l-awtorizzazzjoni biex isir dan mid-District manager, pero quddiem it-Tribunal Industrijali il-kumpanija cahdet li kien hemm din l-awtorizazzjoni u ma tressqet l-ebda prova li kien hemm dan il-permes.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll l-allegazzjoni tar-rikorrent fejn jghid, li ma kellux smigh xieraq fil-process ta' dixxiplina, pero mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta li fil-process ta' dixxiplina r-rikorrent kien assistit bil-persuna ta' l-ghazla tieghu u jirrizulta wkoll, li waqt il-process ta' dixxiplina ir-rikorrent permezz ta' l-assistenza legali tieghu pprova jiddefendi l-kaz tieghu permezz li pproduca dokumentazzjoni ta' sales biex juri li l-peformance tieghu kienet wahda mill-aqwa.**

**Dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li ma kienx hemm ghalfejn ir-rikorrent jipproduci din id-dokumentazzjoni u dan ghar-raguni li l-kaz ta' dixxiplina ma kienx jirrigwardja l-performance tieghu u jekk ried jiddefendi l-kaz tieghu fuq dan l-aspett ma kellux ghalfejn jghamel kopji ta din id-dokumentazzjoni u johroghom mill-istabiliment meta kien jaf li kien ipprojbiet li jghamel dan, huwa kull ma ried jghamel li waqt il-laqgha jghid lill-management biex jiccekkja l-performance tieghu mad-dokumentazzjoni ezistenti tal-Kumpanija.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-aspett referut mir-rikorrent li l-kumpanija kienet qed tara kif tghamel biex titterminalu l-impjieg u fost aspetti ohra rrefera li meta gie tterminat l-impjieg tieghu giet provduta c-cavetta li zmien qabel kien talab ghalija. Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali mill-provi ma jirrizultalux li l-kumpanija riedet tehles u tittermina l-impjieg tar-rikorrent u li c-cavetta waslet wara t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrent ma hix prova bizzejjed li l-kumpanija kienet qed tara kif tghamel biex tittermina l-impjieg tieghu.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkusndira s-sottmissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal**

**konkluzjoni, li l-akkuzi li gie akkuzat bihom ir-rikorrent kienu ta' natura gravi u dawn gew ippruvati ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ma saritx bi ksur tal-ligi.**

**Minhabba diferimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghjan ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Illum : 28 ta' Novembru, 2017**